

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Elliniki Metalleftiki kai Metallourgiki Larymnis Larko AE għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha, kif ukoll daww imġarrba mill-Kummissjoni Ewropea.

(<sup>1</sup>) ĠU C 395, 10.11.2014.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Marzu 2016 – Larymnis Larko vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-576/14) (<sup>1</sup>)

**(“Rikors għal annullament — Għajjuna mill-Istat — Privatizzazzjoni — Miżuri ta’ sostenn favur debitorji tar-rikorrenti — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjuna inkompatibbli mas-suq intern — Assenza ta’ interess ġuridiku — Inammissibbiltà”)**

(2016/C 156/57)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrenti: Elliniki Metalleftiki kai Metallourgiki Larymnis Larko AE (Kallithea, il-Greċja) (rappreżentant: V. Koulouris, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouchagiar, aġent, assistit minn V. Chatzopoulos, avukat)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2014) 1805, tas-27 ta' Marzu 2014, li tiddikjara li l-bejgħ ta' wħud mill-assi użati minn Larko General Mining & Metallurgical Company SA ma jikkostitwixx għajjuna mill-Istat [SA.37954 (2013/N)].

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Elliniki Metalleftiki kai Metallourgiki Larymnis Larko AE għandha tbat i-ispejjeż tagħha, kif ukoll daww esposti mill-Kummissjoni Ewropea.

(<sup>1</sup>) ĠU C 395, 10.11.2014.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Marzu 2016 – International Gaming Projects vs UASI – Sky (Sky BONUS)**

(Kawża T-840/14) (<sup>1</sup>)

**(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark figurattiva Komunitarja Sky BONUS — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti SKY — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Limitazzjoni tal-prodotti msemmija fl-applikazzjoni għat-trade mark — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Inammissibbiltà”)**

(2016/C 156/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: International Gaming Projects Ltd (il-Belt Valletta, Malta) (rappreżentanti: M. Garayalde Niño, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Sky plc, li kienet British Sky Broadcasting Group plc (Isleworth, ir-Renju Unit) (rappreżentant: J. Barry, solicitor)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-23 ta' Ottubru 2014 (Każ R 2040/2013-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn British Sky Broadcasting Group plc u International Gaming Projects Ltd.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) International Gaming Projects Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 65, 23.2.2015

---

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Marzu 2016 – Binca Seafoods vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-94/15) (<sup>1</sup>)

(“Rikors għal annullament — Regolament ta' Implementazzjoni (UE) Nru 1358/2014 — Assenza ta' estensjoni tal-miżura tranżitorja dwar l-annimali tal-akkwakultura, prevista fl-Artikolu 95(11) tar-Regolament (KE) Nru 889/2008 — Assenza ta' interess ġuridiku — Inammissibbiltà”)

(2016/C 156/59)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Binca Seafoods GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Schmidt, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Walkerová, H. Kranenborg u G. von Rintelen, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1358/2014, tat-18 ta' Diċembru 2014, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 889/2008 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 fir-rigward tal-orġini tal-annimali tal-akkwakultura organika, il-prattiki tat-trobbija tal-akkwakultura, l-għalf għall-annimali tal-akkwakultura organika u l-prodotti u s-sustanzi permessi għall-użu fl-akkwakultura organika (ĠU L 365, p. 97).

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Binca Seafoods GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 155, 11.5.2015.